MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 186/1999/1

Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)

vs

Francis sive Frank Rapa

Il-Qorti,

Fic-citazzjoni jinsab premess:

Illi b'rikors ipprezentat fl-4 ta' Mejju 1999, Jude Taddeo sive Teddy Rapa ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Rapa Showrooms Co. Ltd., oltre li f'ismu proprju, Joseph Paul, Silvio u Rose Marie, ilkoll ahwa Rapa, Emanuel, Peter u Francis Camilleri, talbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 50/99 fl-ismijiet "Jude Taddeo sive Teddy Rapa noe. et. vs Francis sive Frank Rapa" sabiex il-konvenut odjern jigi inibit milli (1) jaghmel kwalunkwe xoghlijiet ta' bini jew xort' ohra fil-fond li

jikkonsisti f'bini u impjant tar-Ready Mix u concrete block li jinsab fuq art imsejha "Tan-Nuffara" sive "Ta' Xhjama" sive "Tac-Cjangar" ta' ma' dwar 24,560 metri kwadri akkwistati mir-rikorrenti permezz ta' att ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tal-4 ta' Gunju 1984 u att ta' xiri fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech tat-3 ta' Awissu 1984, u senjatament izda m'hux unikament, fejn hemm il-kaselli tal-impjant tal-block, u (2) milli jaghmel kwalunkwe haga ohra li tfixkel jew tostakola l-access tar-rikorrenti minn pasagg u rixtellu li jinsabu fuq in-naha tal-punent ta' l-istess fond u jibda minn Rabat Road, dokument 'X1';

Illi b'digriet tal-4 ta' Mejju 1999, din il-Qorti appuntat is-smiegh ghall-Hamis 6 ta' Mejju 1999 b'dana li m'ghandhomx isiru xoghlijiet sakemm jigi finalment degretat ir-rikors dokument 'X2';

Illi b'rikorsipprezentat fil-25 ta' Gunju 1999, l-imsemmi Jude Thaddeus sive Teddy Rapa noe, ippremetta li in kontravenzjoni u ksur ta' l-imsemmi digriet l-intimat konvenut odjern xorta wahda ghamel ix-xoghlijiet li r-rikorrenti kien qed jibza' li sejjer jaghmel, liema xoghlijiet jikkonsistu fi tqeghid ta' tliet pilastri tal-concrete u travi fuqhom, u talab 'inter alia' li jigi punit l-agir ta' l-intimat konvenut odjern mehud b'disprezz lejn l-awtorita' ta' din il-Qorti document 'X3';

Illi b'digriet tas-7 ta' Lulju 1999, din il-Qorti ordnat li jittiehdu proceduri ta' disprezz fil-konfront ta' Francis sive Frank Rapa a kura tar-Registratur tal-Qorti, dokument 'X4';

Illi ghalhekk qeghdha ssir din il-kawza.

Talab ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. issib il-konvenut hati ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili (Kap 12); u

2. tikkundannah ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista' jigi mgieghel biex jwiegeb ghall-akkuza bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha eccepixxa:

1. illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu respinti stante li huma nfondati kemm fattwalment kif ukoll legalment u dana in vista tal-fatt li l-eccipjenti bl-ebda mod ma kiser l-ordni lilu moghtija fiz-zmien kemm damet in vigour l-istess ordni de quo;

2. b'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

3. bl-ispejjez kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa l-lista tax-xhieda.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Dan hu procediment ghal disprezz ta' l-awtorita' tal-qorti nnizjat mir-Registratur ta' dawn il-qrati tal-gzira ta' Ghawdex ai termini ta' l-Artikolu 1003A tal-Kap 12. Fl-ewwel lok, ghalhekk, hu mehtieg li jigi ddentifikat d-

disprezz. Mill premessi tac-citazzjoni jemergi li d-disprezz oggett tal-kawza huwa insitu fin-nuqqas ta' tharis u osservanza ta' ordni tal-qorti fuq l-iskorta ta' digriet tal-4 ta' Mejju 1999 moghti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 50/99 fl-ismijiet "Jude Taddeo sive Teddy Rapa ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Rapa Showrooms Co.Ltd, oltre li f'ismu proprju, Joseph, Paul, Sylvio u Rose Marie, ilkoll ahwa Rapa, Emanuel, Peter u Francis Camilleri –vs- Francis sive Frank Rapa", li fih talbu li l-konvenut jinzamm (i) milli jaghmel kwalunkwe xoghlijiet ta' bini jew xort'ohra fil-fond li jikkonsisti f'bini u impjant tar-Ready Mix u concrete block li jinsab fuq art imsejha "Tan-Nuffara" sive "Ta' Xhajma" sive "Tac-Ciangar" ta' madwar erbgha u ghoxrin elf hames mija u sittin metri kwadri (24,560mk) akkwistati mir-rikorrenti permezz ta' att ta' divizjoni fl-atti Nutar Dottor Michael Refalo tal-4 ta' Gunju 1984 u att ta' xiri fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech tat-3 ta' Awissu 1994 (dokti A u B) u senjatament, izda mhux unikament, fejn hemm il-kaselli ta' l-impjant tal-block; (ii) milli jaghmel kwalunkwe haga ohra li tfixkel jew tostakola l-access tar-rikorrenti minn passagg u rixtellu li jinsabu fuq in-naha tal-punent ta' l-istess fond u jibda minn Rabat Road.

Illi jirrizulta, kemm mill-premessi tac-citazzjoni u kif ukoll mill-provi, illi x-xoghlijiet lamentati, li allegatament saru bi ksur espress tad-digriet fuq riferit tal-4 ta' Mejju 1999 - "illi m'ghandhomx isiru xoghlijiet sakemm jigi finalment degretat" il-mandat ta' inibizzjoni - jikkonsistu fi tqeghid ta' tliet pilastri tal-concrete u travi fuqhom fl-art riferita fl-ewwel paragrafu tar-rikors tal-mandat ta' inibizzjoni. Dan l-aggravju ghalhekk jinkwadra fl-Artikolu 873(4) tal-Kap 12 li testwalment jghid li: "Jekk jigi pruvat permezz ta' rikors ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li wara l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni l-persuna nibita issoktat fix-xoghol jew hatt bi ksur ta' l-ordni tal-Qorti, il-Qorti ghandha minghajr pregudizzju dwar kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inhareg il-mandat sabiex tirrimedja dak li ntghamel bi ksur tieghu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent li jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha rimedjali li l-Qorti tista' tordnalu jaghmel bi spejjez tal-persuna inibita". Dan ifisser illi l-Qorti fuq

rikors bhal dan ghandha tikkundanna lill-intimat kif jipprovdi l-istess artikolu u tipprocedi kontra tieghu bi proceduri ta' disprezz minhabba l-ksur tal-ordni taghha li hu insitu f'kull ordni li jinhareg fuq skorta ta' mandati.

Intant il-linji gwida li jirregolaw l-istitut tad-disprezz, sakemm jinflwixxu fuq il-kaz in ezami, huma:

i. li l-procediment huwa ta' indole kriminali;

ii. li l-grad ta' prova rikjesta hi dik 'il fuq minn kull dubbju dettat mir-raguni - jigifieri l-prova attinenti ghall-procediment kriminali;

iii. li l-akkuza tad-disprezz trid tigi pruvata f'dan il-grad minn min qieghed jallega u trid wkoll issir il-prova tal-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita' taghha;

iv. li l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni moghti lilha bhala wiehed korrett jew le; is-siewi ta' dik l-ordni, sakemm ma jithassarx b'ordni ohra tal-Qorti nnifisha, huwa raguni oggettiva li torbot lill-mixli li joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha. Hekk jirrizulta wkoll anka jekk wara rrizulta li l-ordni tal-Qorti kien wiehed null – decizjoni tal-*Prim'Aula deciza 7 ta' Mejju 2001*.

Issa l-prova principali fil-kaz in dizamina kellha tkun dik li x-xoghol allegat sar wara l-4 ta' Mejju 1999. Mill-provi hu biss intwibbli li x-xoghol lamentat, jigifieri xoghol mhux permess u milqut mill-mandat, konsistenti f'bini ta' pilastri u tpoggija ta' concrete blocks, kien sar f'xi zmien ghaliex fir-realta' dan jezisti. Madanakollu, mhux pruvat li dan ix-xoghol sar proprju wara l-ordni tal-Qorti fuq l-iskorta tad-digriet taghha tal-4 ta' Mejju 1999. Fir-rigward ta' dan, il-prova kellha tkun cara u univoka, mhux spekulattiva, kif fil-fatt hija, hekk ibbazata fuq supposizzjonijiet u kongetturi. Dana huwa per se sufficjenti biex it-talbiet fil-kawza jigu michuda u milqugha invece l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Qeghdha ghalhekk tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------